MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 722/1976/1

**L-Accountant General u d-Direttur ta' l-Agrikoltura**

**Vs**

**Philip Edwin Rizzo bhala direttur in rapprezentanza tas-socjeta` Feedstuffs Compound Co. Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` konvenuta hadet minghand il-Gvern appalt ghall-fornitura ta' Broiler Starter Crumbs;

Premess illi l-ghalf fornit lill-istanti ma kienx tal-kwalita` pattwita u lanqas ma kien ta' kwalita` tajba billi, kif kellu

jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma kienx konformi ma l-i*specifications*, kien nieqes minn nutrijenti u l-kapuccelli ma riedux jikluh;

Premess illi in konsegwenza ta' dan l-inadempiment il-kapuccelli marru lura u bosta mietu b'dannu lill-Gvern li huwa stmat li jilhaq is-somma ta' sitt mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm643);

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Prevja d-dikjarazzjoni illi l-ghalf forni ma kienx tal-kwalita` pattwita u lanqas ma kien ta' kwalita` tajba, tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-istanti in linea ta' danni s-somma fuq indikata ta' Lm643 jew kull ammont iehor, izghar jew akbar, li tiddertimina l-Qorti ghall-hsara kagunata kif fuq intqal; bl-imghax legali min-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu 1976 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi t-talba ta' l-atturi kellha tigi michuda stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa kien onora l-obbligazzjonijiet minnu assunti fil-kuntratt ta' fornitura ta' broiler starte crumbs in kwistjoni;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-2 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu gew nominati Dr. Francis Lanfranco bhala perit legali u Charles Micallef bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-imsemmija periti gudizzjarji li jinsabu a fol. 85 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-udjenza tal-11 ta’ Lulju 1997;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-obbjett tad-domanda attrici ghar-rizarciment tad-danni huwa bazat essenzjalment fuq zewg premessi u cioe` li l-ghalf fornit lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u maghruf bl-isem "Broiler Starter Crumbs", ma kienx:

(a) tal-kwalita` pattwita;
(b) konformi ma' l-i*specifications*.

Is-socjeta` konvenuta opponiet din id-domanda in kwantu rriteniet illi hi onorat l-obbligazzjonijiet minnha assunti konsegwenti ghall-accettazzjoni (fol. 13) tat-*tender* taghha ghal din il-fornitura partikolari;

Issa mill-provi rakkolti f'din il-kawza, ghal dik li hi sustanza, jistghu jigu senjalati dawn l-aspetti l-aktar sinjifikanti:-

I. Is-socjeta` konvenuta kienet fornitur regolari tad-Dipartiment koncernat kif hekk xeehed id-direttur tieghu Vincent Rizzo (fol. 34);

II. Fil-kaz *de quo* is-socjeta` kienet giet approvata mill-atturi biex tissupplixxi "*20 metric tons Broiler Starter Crumbs*". Jidher li din il-fornitura bdiet issir fit-12 ta' Frar 1976 bl-ahhar kunsinna issir fil- 5 ta' April 1976 (Deposizzjoni ta' Alfred Farrugia, fol. 41 u ta' Vincent Rizzo, fol. 35);

III. Id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura beda jaghmel uzu minn dan l-ghalf bejn Jannar/Frar 1976 wara li kien spiccalhom l-ghalf tal-fornitur precedenti (xhieda ta' Dominic Sultana, fol. 25);

IV. Jinghad minn dan l-ahhar imsemmi xhud illi wara ftit taz-zmien li bdew juzaw dan l-ghalf gie notat li l-flieles ma kienux qeghdin jieklu daqs qabel. Aktar tard gie kostatat ukoll li l-flieles bdew jimirdu, joghtru, u jmutu. Fil-fatt jinghad, u anzi jirrizulta minn Dok. R8 (fol. 48), illi r-rata ta' decess tal-flieles zdiedet paragunat mar-rata normali u tollerabbli ta' tlieta fil-mija (3%);

V. Il-kawza ta' din ir-rata gholja ta' mortalita` giet approfondita billi fuq ordni ta' Anthony Scicluna Spiteri, Principal Technical Officer fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, kellha titjieb il-kondizzjoni ambjentali taz-zamma tal-flieles, jintbaghtu xi flieles ghall-ezami tal-veterinarji, u jigi analizzat il-gwiez jew ghalf. Gie sperimentat ukoll billi batch ta' flieles jigu mitmugha "*chick crumbs*" ta' ditta ohra;

VI. Ir-rizultat ottenut kien li skond il-veterinarji t-tjur ma kellhomx mard izda deficjenza ta' vitamini u minerali. Cionostante li gie appliat "*vitamin mineral suppliment*" progess baqa' ma sarx. Ara xhieda ta' Dominic Sultana, fol. 26. Kwantu ghat-testijiet analitici tal-kampjun tal-ghalf, skond l-Ispizjar John Bonnici (fol. 16) dan sab 14.7 % ta' proteini. Ghax-xhud Anthony Scicluna Spiteri (fol. 22) dan kien ifisser li kien hemm nuqqas ta' proteini mill-i*specifications* tal-kuntratt. Kwantu ghall-esperiment surreferit, dejjem skond ix-xhud Dominic Sultana (fol. 27), irrizulta li l-konsum zdied u l-mortalita` naqset;

VII. Jinghad ukoll illi l-flieles mitmugha bl-ghalf fornit mis-socjeta` kovenuta hadu aktar zmien ghat-trobbija u tkabbir taghhom (Dominic Sultana, fol. 28);

VIII. Minn naha tas-socjeta` konvenuta jinghad illi l-i*specifications* tat-tender ma kienu jaghmlu l-ebda referenza ghall-presenza ta' vitamini jew minerali. Dan fis-sens li ma kienx fihom indikazzjoni biex jizdiedu dawn

il-vitamini u minerali barranin fil-ghalf (deposizzjoni ta' Vincent Rizzo, fol. 35 u fol. 40);

IX. Jinghad li l-ghalf *de quo* gie processat fuq formula tad-ditta "Beecham Animal Health" ta' l-Ingilterra, wahda mid-ditti ewlenin fil-kamp tal-manifattura ta' "*compound feeds*" u koncentrati. Skond il-konvenut Vincent Rizzo "l-ebda partita qatt ma kienet irrifjutata mill-Farm tal-Gvern tal-Ghammieri bhala mhux skond l-ispecifikazzjonijiet minnhom mitluba fit-tender." (fol. 36);

X. Jinghad ukoll minn dan l-istess xhud ili l-Gvern issalda l-hlas kollu dovut skond it-tender *de quo* bejn l-4 ta' Marzu 1976 u l-21 ta' Mejju 1976 (fol. 35);

XI. Jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Vincent Rizzo (fol. 36) kif ukoll minn dik ta' Alfred Farrugia (fol. 41) illi l-ewwel darba li d-Dipartiment koncernat ressaq ilment kien fil-5 ta' April 1976. L-ilment kien li l-persentagg tal-proteina fit-tahlita kienet nizlet bi tlieta fil-mija (3%) mil-i*specifications* tat-tender. Dan skond ma jinghad li ntqal lil Alfred Farrugia minn Anthony Scicluna Spiteri. Cionostante li talab biex jintwerielu c-certifikat li kien jiddimostra dan, l-ahhar imsemmi xhud irrifjuta li jaghmel dan. Vide xhieda ta' Alfred Farrugia a fol. 45;

Sintetikament dawn huma l-punti saljenti li jemergu mill-provi. Ghall-kumplament il-process, li kellu jigi rikostruwit, hu nieqes minn provi dokumentali ferm importanti bhat-Tender Document, l-i*specifications*, ir-rizultati ta' l-analisi fuq il-kampjun tal-ghalf, l-formula tad-ditta Beecham li fuqha saret it-tahlita, u dokumenti ohra ta' interess ghas-soluzzjoni tal-vertenza;

Kif kien mistenni f'kaz tax-xorta tieghu l-Qorti hatret espert tekniku, apparti dak legali, biex jassistiha tasal ghal gudizzju fuq il-kontestazzjoni. Kien pero` jidher wisq ovvju illi minghajr support tad-dokumenti appena accennati kien ferm difficli ghall-perit tekniku li jasal ghar-rizultat mixtieq. Ara l-kumment fir-rapport tieghu a fol. 88 tal-process;

Cionostante l-atturi xorta wahda qed jinvitaw lill-Qorti permezz tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom (fol. 96) biex din il-Qorti toqghod fuq il-provi in atti ghax, skond huma, jezistu indizji sufficjenti biex il-kwistjoni tigi deciza ghab-bazi tac-certezza morali fondata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet;

Meta javvanzaw din il-proposizzjoni l-atturi qed jinsew fattur importanti u cioe` dak bazat fuq il-principju accettat universalment illi minn jallega fatt irid jipprovah, inkella l-gudikant, fil-kamp civili, jkollu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u, fejn ikun il-kaz, japplika l-principju, daqstant iehor validu, jigifieri "*actore non probante, reus absolvitur*";

Dippju l-Qorti mhix konvinta illi l-provi prodotti jinducu fiha dik ic-certezza morali bastanti biex issostni t-talba attrici. Dan ghaliex, jghidu x'jghidu x-xhieda, anke jekk lesta li temminhom, il-provi jew huma deficjenti u ma waslux biex isostnu l-premessi jew addirittura, ghal certi aspetti, jimmilitaw kontra l-posizzjoni attrici;

Ghal dik li hi allegata inadempjenza tas-socjeta` konvenuta ma' l-i*specifications* tonqos il-prova kjave u soda tar-rizultat ta' l-analisi biex minnhom isir raffront mat-*tender documents*, li wkoll huma mankanti. Dan ir-rizultat kien certament jaghmel possibbli l-ezistenza tal-fatt lamentat mill-atturi dwar id-deficjenza tal-proteina fit-tahlita` tal-ghalf. Imma gjaladarba dan il-punt huwa kontrastat sew mis-socjeta` konvenuta, li kif tallega, lanqas giet murija, u wisq anqas moghtija, kopja ta' l-ezami analitiku, ma tkunx qed issir gustizzja ma-socjeta` konvenuta jekk il-Qorti jkollha tistrieh merament fuq diskors ix-xhieda tal-parti interessata. Dan anke ghaliex dik l-istess allegazzjoni espressa oralment mix-xhieda saret ghab-bazi tas-suppost rizultat analitiku;

Fil-fehma tal-Qorti, imbaghad, wara li ezaminat il-provi migjuba, jezistu aspetti ohra li jkomplu jikkonvincuha illi l-atturi ma pprovawx sodisfacentement l-assunt taghhom:-

i. Jekk id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura kien verament suspett, u dan kwazi mill-bidunett, illi l-ghalf supplit kien il-

kawza tan-"*nutritional deficiency*" li waslet ghad-decess tal-flieles, ghalfejn issoktat taccetta l-fornituri. Kien ikollha kull drit li twaqqafhom, kif hekk ghamlet aktar tard riferibbilment ghal prodott iehor ta' ghalf maghruf bhala "*broiler finisher*";

ii. Jekk id-Dipartiment imsemmi kellu dan is-suspett, u aktar tard, kif allegat, ir-rizultat ta' l-analisi ghalfejn ghadda ghal hlas tal-partita fornita. Hawn ukoll kien ikun gustifikat iwaqqaf il-pagament minhabba non-adempjenza;

iii. Jekk id-Dipartiment koncernat kien analizza l-ikel tal-flieles qabel, jew, mal-konsenja u dan instab konformi ghall-i*specifications* tat-tender skond ma jinghad mix-xhud Alfred Farrugia (fol. 42), mhux zmentit, x'gara mill-ghalf wara li ttiehdet konsenja tieghu;

Wiehed irid jippondera wkoll fuq il-kawzali tan-nuqqas tal-kwalita` pattwita dedotta wkoll mill-atturi. F'din l-eventwalita l-ligi kienet bi precizjoni tidderegihom kif kellhom jagixxu jekk ma kienux sodisfatti bil-prodott. In fatti l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jaghti direttivi cari x'kellhom jaghmlu biex jehilsu mir-rabta kontrattwali una volta jirrizultalhom, dejjem skond kif allegat, illi dan ma kienx skond il-kwalita` imwieghda jew mhux skond il-kampjun. Jew jirrifjutaw il-prodott materjalment malli saritilhom il-konsenja jew jiddepozitawh taht l-Awtorita` tal-Qorti u addirittura jitolbu d-danni. Setghu wkoll jaghzlu li jaccettawh u jhallsu prezz anqas ghalih. Fir-rigward jghoddu l-osservazzjonijiet fid-decizjoni a **Vol. XLIX P II p 955**.

Minn dan kollu ma ghamlu xejn u ma approfittawx ruhhom mir-rimedji tal-ligi. Mhux hekk biss pero`. Ghaliex jirrizulta wkoll li ghalkemm kienu jafu dan hallsu l-kumplament ta' l-ammont appattwit.

In vista tal-fatti suesposti, senjatament il-mankanza tal-provi dokumentali, u l-principji tal-ligi li jghoddu ghal kaz, din il-Qorti difficilment tista' tiddeciedi adezivament ghat-talbiet ta' l-atturi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici minnha dedotti.  L-ispejjez tal-kawza ghandhom ibatuhom l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------